MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2014

Rikors Numru. 134/2014

**AB**

**-vs-**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

Illi huwa zzewweg lill-intimata C B fil-Kappella tal-“Conservatorio Bugeja” Santa Venera fit-tmintax (18) ta’ Dicembru elf disa’ mija disgha u sittin (1969) skont certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dok “A”;

Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u affettwaw is-separazzjoni personali permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni personali ppubblikat fil-hmistax (15) ta’ Novembru elfejn u tnejn (2002) minn Nutar Peter Fleri-Soler, skont kopja hawn annessa u mmarkata Dok “B”;

Illi l-partijiet kellhom zewgt itfal, R li twieled fis-17 ta Settembru 1971, u N li twieldet fl-10 ta’ Jannar 1976 li ghalhekk llum it-tnejn huma maggorenni u dan skont certifikati tat-twelid hawn annessi u mmarkati Dok “C” u “D”;

Illi l-possibilita ta rikonciljazzjoni ma martu giet diskussa ma l-Avukat sottoskritta u inghata mill-istess Avukat l-ismijiet u l-indirizzi tal-persuni kwalifikati biex joffru l-ghajnuna fil-process ta’ rikonciljazzjoni bejn il-mizzewgin skont dikjarazzjoni hawn annessa u mmarkata Dok. “E”, izda l-esponenti esprima ruhu fin-negattiv;

Illi l-esponenti hallas il-manteniment dovut lil martu skont il-klawsola numru hamsa (5) tal-kuntratt ta’ separazzjoni Dok “B” surreferit u m’hemm l-ebda manteniment dovut lilha skont l-istess kuntratt;

Illi ghaddew erba’ snin mid-data tas-separazzjoni legali u ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ghalhekk jezistu il-kriterji kollha rikjesti mill-ligi ghall-halla taz-zwieg u sabiex jigi ppronunzjat id-divorzju bejn il-partijiet;

Talab sabiex li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex tiddikjara li z-zwieg tieghu ma C B hu mahlul u li ghal dan il-ghan tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u ghal kull fini u effetti kollha tal-Ligi tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien stabbilit minnha, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex b'hekk l-istess divorzju ikun jista jigi registrat fir-Registru Pubbliku permezz ta l-annotazzjoni relattiva fic-certifikat taz-zwieg hawn anness bhala Dok. “A”;

Rat ir-risposta guramentata tal-intimata, li in forza taghha eccepiet:

1. Illi hija ma tistax topponi ghat-talba ta' hrug tad-divorzju stante illi ilhom separati legalment ghal iktar minn erba' snin u li t-tfal taghhom huma maggorenni u ma hemm ebda arretrati ta' manteniment dovut lilha;
2. Illi hija trid illi tkompli zzomm kunjomha taz-zwieg la ilha mizzewga ghal hamsa u erbghin sena u maghrufa b'dak il-kunjom biex b'hekk ghandha tibqa tissejjah C Camilleri;
3. Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-3 ta' April, 2014;

Rat illi ir-rikorrenti mhuwiex jopponi ghat-talba tal-intimata li tkompli izzomm il-kunjom taz-zwieg u cioe' B;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-15 ta' Novembru 2002;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejniethom u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tawtorizza lill-intimata sabiex tkompli zzomm il-kunjom taz-zwieg u cioe' B, tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------